**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta’ Marzu, 2018

Rikors Nru : 479/17 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta’ Mejju tal-elf disa` mija u tnejn u disghin (1992) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, mwielda fit-tmintax (18) ta’ Frar tal-elf disa` mija u tlieta u disghin (1993);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Maria Spiteri mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Ara Dok. B anness);

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. B, klawsola 6), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li r-ragel irrinunzja ghad-dritt tieghu li jircievi manteniment minghand il-mara b'tali rinunzja tkun wahda definittiva u l-mara ddekadiet skont il-ligi.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erbgha (4) snin mifrudin llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Gunju, 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.